24 ta' Frar, 1947.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Maria Paris**

**Annimali — Kontravvenzjoni — Negliġenza — Art. 354 Inċiż (d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Min jonqos li jieħu kura ta' l-annimali tiegħu huwa responsabbli kriminalment tal-ħsara li dawn jagħmlu lill-proprjetà ta' ħadd ieħor.*

*Fil-kontravvenzjonijiet l-element morali hu soddisfatt bis-sempliċi fatt tal-volontarjetà, mingħajr ma hemm bżonn ta' l-intenzjoni doluża, ossija tal-"mens rea".*

*Il-volontarjetà tista' tkun mhux biss fatt pożitiv, imma anki fatt negativ, cjoè fatt ta' negliġenza.*

*L-annimali huma mqassmin f'żewġ kategoriji: dawk "domitae" jew "mansuetae naturae", u dawk "ferae naturae". Il-qattus jaqa' fl-ewwel klassi.*

*Fil-każ ta' l-annimali domestikati jew mansweti hemm il-preżunzjoni li huma innokwi. Għaldaqstant sidhom ma huwa responsabbli kriminalment għall-ħsara minnhom kaġunata lil ħadd ieħor ħlief meta dawn ikunu żviluppaw tendenza li jagħmlu l-ħsara, u sidhom sar jaf b'dik it-tendenza u ma rrimedjax.*

*Għaldaqstant min għandu qattus mhux responsabbli kriminalment għall-ħsara li dan jagħmel lill-proprjetà ta' ħadd ieħor, jekk huwa ma kienx jaf li dak il-qattus kellu dik it-tendenza, imma jsir responsabbli jekk huwa, wara li sar jaf b'dik it-tendenza, ma rrimedjax biex il-qattus ma jkomplix jagħmel dik il-ħsara.*

L-imsemmija Maria Paris ġiet imressqa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq l-imputazzjoni illi f'Birżebbuġa, matul dan l-aħħar xahar, b'nuqqas ta' ħsieb, u traskuraġni, naqset li tieħu l-kura meħtieġa tal-qattus tagħ-

ha, li mar fid-dar ta' Joseph Pace Bonello u hemm għamillu ħsara billi qatillu xi għasafar;

B'sentenza tagħha tat-18 ta' Diċembru 1946, dik il-Qorti sabitha ħatja u kkundannatha għal ammonizzjoni u riprensjoni;

L-imputata appellat;

Dina l-Qorti ta' l-Appell............... irriflettiet;

Il-każ hu ta' ċerta importanza ġenerali għall-prinċipji fih involuti;

Mill-provi deher illi x-xhud Pace Bonello, li fuq il-bejt tad-dar tiegħu Birżebbuġa għandu uċċelliera, kien għal darba tnejn sab xi wħud mill-għasafar maqtulin, ridotti f'rix u mikulin, u li kien ra, għal xi erba' darbiet, matul il-perijodu ta' tliet xhur, qattus abjad, li mill-bejt tiegħu kien sejjer fid-direzzjoni tal-bejt tad-dar ta' l-appellanti, li toqgħod xi nofs kantuniera bogħod. Pace Bonello għamel rapport, u l-Pulizija, f'Novembru li għadda, avżat lill-appellanti, li allura rabtet il-qattus. Minn dak iż-żmien għasafar ma ġewx maqtula;

Id-dispożizzjoni li taħtha nġiebet l-imputazzjoni tinsab taħt l-intestatura ta' "Kontravvenzjonijiet kontra l-Proprjetà", fl-art. 354 inċiż (d), Kap. 12; u jsir ħati ta' din il-kontravvenzjoni kull min, bi ħsara tas-sid jew detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħadd ieħor mhux imsemmija fl-inċiżi l-oħra ta' l-artikolu fuq imsemmi jew band'oħra fil-Kodiċi;

Hu ċar illi din il-vjolazzjoni tista' ssir b'negliġenza fil-kustodja ta' l-annimali. Sid l-annimali jkun, f'każ simili, responsabbli kriminalment, jekk l-annimali, malament jew negliġentement kustoditi, jagħmlu ħsara fil-proprjetà aljena;

Għalhekk hemm bżonn li jkun hemm negliġenza. Għall-kontravvenzjonijiet l-element morali hu sodisfatt bis-sempliċi volontarjetà, mingħajr ma hemm bżonn l-intenzjoni doluża, ossija "mens rea". Il-volontarjetà tista' tkun mhux biss fatt pożitiv, imma anki fatt negativ, ċjoè fatt ta' negliġenza;

Żewġ konsiderazzjonijiet, għalhekk għandhom jiġu riżoluti f'dan il-każ; waħda ta' fatt, l-oħra pjuttost ta' dritt;

L-ewwel waħda hi jekk kienx il-qattus li qatel l-għasafar ta' Pace Bonello;

Il-provi huma tali illi l-affermativa mhix dubja;

Infatti;

*Omissis;*

It-tieni pont hu jekk l-appellanti kienetx negligenti; u hawn jidhlu kwistjonijiet ta' dritt;

Għall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, l-annimali, skond il-liġi, huma klassifikati f'żewġ kategoriji: dawk "domitae" jew "mansuetae naturae", u dawk "ferae naturae". Igħid il-Halsbury, Vol. I, Hailsham Edition page 531:— "The common law follows the civil law in classifying animals in two divisions, as follows: (1) Domestic or tame. This class includes all such beasts and birds as, by habit or training, live in association with man; for example, cattle, horses, sheep, goats, pigs, poultry, cats and dogs. (2) Wild. This class includes not only lions, tigers, eagles, and other animals of an undoubtedly savage nature, but also all not classified as domestic or tame, such as deer, foxes, hares, rabbits, game of all kinds, rooks, pigeons, wild fowl and the like, and all fishes, reptiles, and insects";

Mela l-qattus jaqa' fl-ewwel kategorija ta' annimal, ċjoè dawk "domitae" jew "mansuetae naturae";

Issa hu anki prinċipju ieħor, dejjem proċedenti minn dina d-distinzjoni, illi hu preżunt li annimali domestiċi, li minn natura tagħhom huma innokwi, jew li saru innokwi billi ġew domestikati għal generazzjonijiet sħaħ, ma humiex "of a dangerous disposition". Dan ġie ritenut mill-Master of the Rolls, Esher, fil-kawża "Tilburn vs. People's Palace and Aquarium Co. Ltd. 1890, 25 Queen's Bench Division, p. 260, C.A.;

Issa l-qattus hu preċiżament annimal li ġie domestikat għal ġenerazzjonijiet sħaħ. Infatti hu ħaġa magħrufa illi l-Eġizzjani, fi żmenijiet antiki ferm, kienu ddomestikaw ir-razza Eġizzjana tal-qattus selvaġġ Afrikan (felis ocreata manicrlata). Kienu dawn il-qtates Eġizzjani domestikati illi minnhom inisslu, almenu fil-biċċa l-kbira, ir-razez ta' qtates Ewropej, li tħallitu wkoll mal-qattus selvaġġ ta' l-Ewropa (felis catus). Għalhekk hu legalment preżunt illi l-qattus ma huwiex "of a dangerous disposition";

Issa, la darba l-qattus per sè ma hux annimal "of a dan-

gerous disposition", jigi i' sidu ma jistax ikun, in bażi għal negligenza, tenut għall-fatt tal-qattus, ammenokkè (1) dan ma jkunx wera xi "vicious" jew "mischievous propensity" partikulari, u (2) sidu jkun sar jaf b'din il-"vicious" jew "mischievous propensity" u b'dan kollu naqas li jirrimedja;

Din hija d-differenza bażilari bejn annimal "mansuetae" jew "domitae naturae" u annimal "ferae naturae". Is-sid ta' annimal domestiku jew domestikat ma jirrispondix għal negligenza jekk l-annimal ma jkunx wera dik il-"vicious propensity" partikulari u hu jkun sar jaf biha u naqas li jirrimedja, mentri s'd annimal "naturalment selvaġġ" iżommu "at his peril" u hu responsabili għall-ħsara li jagħmel l-annimal apparti minn negligenza;

Hekk, per eżempju, ġie ritenut fil-Qrati Ingliżi illi, biex sid kelb ikun responsabili għall-fatt li l-kelb ikun gidem bniedem, hemm bżonn illi hu kien sar jaf li l-kelb tiegħu kellu din id-dispożizzjoni partikulari li jigdem in-nies (Halsbury, loc. cit., para. 930). L-istess fil-każ taż-żwiemel (loc. cit.); tant illi ngħad fit-testi Ingliżi (Halsbury, para. 971) illi fin-nuqqas ta' xjenza tal-"vicious propensity", "a dog may still have what is popularly called 'his first bite'." Anki l-każ speċifiku ta' qattus ġie quddiem il-Qrati Ingliżi, fil-każ "Buckle vs. Holmes", 2-3 March 1926 — Court of Appeal. Il-prinċipju hemm sanċit hu dan:— "The owner of a cat is not bound to keep it from straying into a neighbour's land. A cat belongs to the class of animals "mansuetae naturae". For mischief done by it in following the common instincts of its kind, its owner is not liable. To make him liable he must have knowledge of some vicious propensity beyond those common instincts. Therefore, where a cat strayed from its owner's land into the land of a neighbour, and killed fowls and pigeons kept there, the owner of the cat was not liable" (Law Reports 1926, 2 K.B., p. 125);

Il-każ ċitat kien hekk:— "The plaintiff, who lived at 190 Lower Wortley Road, Leeds, brought an action in the county court against the defendant, who lived at no. 151 in the same road. The plaintiff was a pigeon fancier. He also kept poultry. He claimed eight pounds for the loss of thirteen pigeons and two bantams killed by the defendant's cat.

The defendant did not deny that his cat had killed the birds. He contended that he was not in law liable for what the cat did in following the ordinary instinct of its kind. There was no evidence of any vice in the cat other than the habit common to all cats of straying and killing birds". L-Imħallfin Shearman and Sankey akkoljew dawn l-argumenti u rritenew illi "a cat was clearly one of the class of animals 'domitae' or 'mansuetae naturae', and not of the class of animals 'ferae naturae'; that there was no authority for recognising a third class of animals partly 'mansuetae naturae' and partly 'ferae naturae'; and that, as there was no evidence that the defendant knew of any particular vice in the cat, or that the animal had any particular vice beyond the common habits of all cats, the defendant was not to be treated as the owner of a domestic animal having a vicious propensity known to its owner................";

Issa meta l-ġudikant jgħaddi biex japplika dawn il-prinċipji għall-każ in ispeċje, tnejn huma l-kweżiti ta' fatt illi hemm bżonn li jsiru, it-tieni subordinat għal ta' l-ewwel; jiġifieri, l-ewwel, jekk dan il-qattus abjad ta' l-appellanti kellux xi vizzju partikulari; u t-tieni, f'każ affermativ, jekk hu kienetx taf bih;

Jekk kellu dan il-vizzju partikulari, u kienet taf bih, u naqset li tieħu l-passi meħtieġa, allura hemm in-negliġenza li tirrendiha responsabil taħt id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali ċitata fil-bidu ta' dina s-sentenza;

L-Imħallef sedenti jirritjeni li l-qattus ta' l-appellanti kellu "a particular vice", li kien jikkonsisti filli ħa l-abitudini li jmur, replikatament, fuq il-bejt tad-dar ta' Pace Bonello, jidħol ġewwa l-uċċelliera, u joqtol l-għasafar ta' ġewwa fiha;

Jista' jiġi obbjettat li dana ma kienx vizzju partikulari "beyond the common habits of all cats", jew "beyond the common instincts of its kind", għaliex hu risaput illi huwa ħaġa instintiva fil-qtates li jagħmlu għall-għasafar;

Però hu ammess illi individwu ta' speċji jista' jiżviluppa tendenza partikulari li tmur aktar 'il hemm mit-tendenza generali;

Allura hija l-"general disposition" ta' qattus illi, jekk isib

għasfur, jagħmel għalih, indiskriminatament, u altru illi dan il-qattus jiżviluppa tendenza partikulari, s'ja pure temporanea, li jmur f'post partikulari u jagħmel depradazzjonijiet ripetuti f'dak il-post. Pjuttost minn "propensity" li tiġi mill-istint naturali, hawn si tratta ta' "vice" relativ għal post partikulari;

Għalhekk il-Qorti tirritjeni illi l-qattus ta' l-appellanti żviluppa tendenza partikulari "of a mischievous nature", li fil-manifestazzjoni konkreta tagħha eċċediet id-dispożizzjoni ġenerali li tiġi mill-istint ordinarju ta' qattus;

Issa mix-xhieda tas-Surġent Grech irriżulta illi l-appellanti ġiet infurmata bl-għemil tal-qattus a dannu ta' Pace Bonello f'Novembru li għadda, meta sar ir-rapport formali. Minn dak il-mument inħoloq fiha l-obligu li tieħu l-passi meħtieġa biex tirrimedja. Jirriżulta li minn dak in-nhar hi rabtet il-qattus, u d-depradazzjonijiet minn dak in-nhar waqfu. Qabel ma kellha ebda obligu li torbtu, għaliex ma hux użu li l-qtates jintrabtu; u anki dawk imrobbija ġewwa d-djar, ġeneralment joħorġu u jidħlu, partikularment f'ċerti perijodi;

Għalhekk hu ċar li ma kienx hemm negliġenza mill-parti ta' l-appellant; għaliex hekk kif saret taf bil-vizzju tal-qattus hija rimedjat. Kieku wara li kellimha s-Surġent Grech hi ma għamlet xejn, allura kienet tkun responsabili; imma la rrimedjat, hi ma inkorriet ebda responsabilità kriminali;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-appellant mhix ħatja, u tordna li tiġi liberata.